**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 29 ta' Novembru, 2016**

**Avviz Numru:- 6/2013JVC**

**Agnese Grech u b'nota tal-4 t'Ottubru 2013 Maria Lourdes Muscat assumiet l-atti tal-kawza minflok ommha l-attrici Agnese Grech stante li din tal-ahhar tirrisjedi gewwa New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u li ghandha prokura ta' ommha**

**Vs**

**Carmel Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-avviz fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat li:-

Jigi ordnat illi jirritorna lura l-vettura tal-marka Bedford Perkins Truck bin-numru ta' registrazzjoni G-1570 u bil-log book numru 047698 illi huwa fil-pussess tieghu u li pero' huwa proprjeta' tar-rikorrenti u li fil-fatt ghadu rregistrat fuq isimha u dana stante li l-intimat ma ghandu ebda titolu fuq din l-istess vettura.

Ghall-finijiet ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti qed jigi dikjarat illi s-somma pretiza ma teccedix il-limitu ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' April 2013 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Carmelo Xuereb li eccepixxa:

1. Illi l-vettura kienet *res derelicta* u meta l-eccipjenti ha l-pussess taghha c-cirkostanzi kienu jindikaw li dak l-oggett ma kien jappartjeni lil hadd u li kien gie abbandunat;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut ai termini tal-artikolu 396 et seq tal-Kap. 12 fejn eccepixxa:

Illi l-konvenut irid jinqeda bil-kawza tal-attrici u qed iressaq il-kontro-talba kontra l-istess attrici.

Illi fuq il-vettura *de quo* l-esponenti ghamel diversi spejjez u nkorra ruhu f'hafna xoghol fir-restawr tal-istess vettura;

Illi kemm-il darba ipotetikament ikollha tigi milqugha t-talba tal-attrici u l-esponenti jkollu jigi kundannat jirritorna lura l-vettura lilha, l-attrici tkun qeghdha taghmel arrikkiment ingust minn fuqu billi l-esponenti nkorra ruhu fi spejjez u ghamel xoghlijiet fuq din il-vettur biex irrestawraha;

Illi l-esponenti jkun ghalhekk irid li jigi kumpensat u/jew rimborsat minghand l-attrici tal-ispejjez kollha li saru u tax-xoghol li sar biex giet restawrata din il-vettura;

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li huwa dovut kumpens u/jew rimbors lill-konvenut tax-xoghol kollu li sar u tal-ispejjez li nkorra ruhu fihom biex giet restawrata din il-vettura;

2. Tillikwida dan il-kumpens u/jew rimbors anke jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominand ghal dan il-fini;

3. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut dan il-kumpens u/jew rimbors hekk likwidat,u bl-imghaxijiet mid-data li fiha kienu tlestew ix-xoghoijiet ta' restawr sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez.

Ghall-finijiet ta' kompetenza il-kumpens u/jew rimbors mitlub mill-konvenut ma jeccedix jil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat ir-risposta ta' Maria Lourdes Muscat wara l-kontro talba li eccepiet:

Illi preliminarjament it-talbiet ta' Xuereb huma ntempestivi peress illi kif jistqarr huwa stess, huma kollha abbinati mal-ipotetiku.

Illi preliminarjament wkoll it-talba ghall-hlas tad-danni ma taqax taht il-kompetenza ta' din il-Qorti Onorabbli.

Illi fil-mertu it-talbiet ta' Carmelo Xuereb huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi meta l-imsemmi Xuereb ghamel l-ispejjez fuq il-vettura dawn ghamilhom ghax ried hu bil-konsapevolenza tal-fatt illi qed jaghmel dawn ix-xoghlijiet fuq proprjeta' li ma tappartjenix lilu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in oltre huwa kien jaf min kien is-sid u kien hu li ghamel sforz biex is-sid ma jkunux jafu li huwa ghandu l-vettura u fejn kienet tinsab l-istess vettura.

Illi l-vettura qatt ma kienet *res derelicta* ghaliex id-dokumenti dejjem urew u ghadhom juru illi kienet tappartjeni lil Angelo sive George Grech u li llum tappartjeni lil Agnese Grech.

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-attrici rikonvenzjonata (fol. 318):

'Illi t-talbiet tal-konvenut Carmel Xuereb kif dedotti fil-kontro-talba tieghu huma preskritti ai termini tal-artiklu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.'

Rat l-affidavits, xhieda, rapport u provi kollha fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-process allegat 4/2002;

Rat ir-rapport tal-esport tekniku nominat mill-Qorti s-Sur Charles Zahra li gie nominat mill-Qorti sabiex jivvaluta x-xoghlijiet li saru fuq il-vettura in kwistjoni mill-konvenut;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Gunju, 2016 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-kawza odjerna huma li l-attrici Agnese Grech hija armla ta' Angelo Grech maghruf bhala Georgie Grech. Stante li Agnese Grech ilha mis-snin tmenin tirrisjedi fl-esteru bintha Maria Lourdes Muscat tagixxi f'isimha f'dawn il-proceduri stante li hija l-uniku wild li baqghet tghix Ghawdex. Jirrizulta li Angelo Grech gie nieqes fis-sena 2008. Sa dak iz-zmien huwa kien jirrisjedi fl-esteru mal-istess Agnese Grech ghalkemm mill-anqas darba fis-sena lejn Gunju jirrizulta mill-atti (ara partikolarment ix-xhieda ta' Paul Muscat a fol. 96 et seq) huwa kien jinzel ma' martu fil-gzejjer Maltin ghal numru ta' gimghat. Jirrizulta li dan Angelo Grech qabel ma emigra fl-esteru, xogholu f'Ghawdex kien li jqassam il-bibiti tal-Canada Dry f'Ghawdex. Dan kien jaghmlu permezz ta' trakk Bedford Perkins bin-numru ta' registrazzjoni 31570. Dan it-trakk kien jiddistingwi ruhu minn trakkijiet ohra stante li kellu tabella kbira fuqu bil-kliem Canada Dry. Ritratti ta' dan it-trakk jinsabu esebiti a fol. 25 u fol 141 tal-process apparti fil-process anness u mar-rapport tal-espert tekniku a fol. 266. It-trakk in kwistjoni kien jinzamm go mahzen u sa mis-sena 1982 kien dikjarat mill-istess Angelo Grech bhala garaxxjat (ara dokument a fol. 26 tal-process). Fil-fatt madwar dak iz-zmien Angelo Grech kien emigra fl-esteru. Il-mahzen fejn kien thalla dan it-trakk kien suggett ta' kawza quddiem il-Bord tal-Kera fejn intalab li dan jigi rilaxxat lura lis-sidien (appuntu l-kawza koncernata fil-proccess anness bin-numru 4/2002). Din il-kawza giet deciza fis-sena 2005 fejn gie ordnat l-izgumbrament ta' Angelo Grech mill-mahzen in kwistjoni. Sa dak il-mument jirrizulta lil din il-Qorti li l-mahzen in kwistjoni fejn kien jinzamm dan it-trakk kien fi stat hazin tant li kellu anki partijiet mis-soqfa mwaqqa u whud mill-gebel kienu waqghu fuq il-gabina tal-injam tal-istess trakk izda ma jidhirx li kienu waqghu fuq il-parti ta' quddiem. A fol. 25 huwa evidenzjat kif kien jinzamm it-trakk fil-mahzen in kwistjoni. L-original ta' dawn ir-ritratti jinsabu fl-atti

annessi. Jidher fil-fatt li t-trakk kellu wkoll mill-anqas bieba wahda maqlugha.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-kwistjoni kollha li wasslet ghal din il-kawza hija dak li gara effettivament mit-trakk in kwistjoni fil-mument li gie ordnat l-izgumbrament.

Illi min-aha taghha l-attrici Agnese Grech (li xehdet a fol. 23 permezz ta' affidavit u sar il-kontro-ezami a fol. 42) issostni li fl-ahhar snin ta' hajtu Angelo Grech kien marad b'kancer u ghalhekk il-kwistjoni tal-garaxx u tat-trakk tpoggiet fil-genb anki ghaliex huma kienu msefrin. Hija ssostni li r-ragel taghha kien informaha li ftiehem mas-sidien certu Francis Schembri u hutu (ara Affidavit tieghu a fol. 86 et seq u kontro-ezami a fol. 157 et seq) li t-truck ihallih fil-mahzen u sa fejn taf hi dan baqa' hemm. Francis Schembri ma jaqbilx ma' din l-allegazzjoni. Ovvjament stante l-premorjenza tieghu Angelo Grech ma jistax jikkonferma l-verita dwar xi kliem sar. Mill-atti jirrizulta li bil-fatti Agnese Grech regghet wriet interess f'dan it-trakk meta fit-22 ta' Marzu, 2013 bhala l-eredi ta' Angelo Grech (li kien miet lura fis-sena 2008) talbet li l-*log book* tat-trakk jinqaleb fuqha kif fil-fatt sar u kif jidher a fol. 27 tal-process.

Illi da parti taghha bintha Maria Muscat tghid li hija ma semghet xejn aktar dwar dan it-trakk ghalkemm tikkonferma fil-kontro-ezami li missierha kien bghatha thallas l-ispejjez tal-kawza annessa meta nqatghet ghand Dr. Mario Scerri li dak iz-zmien kien l-avukat ta' Francis Schembri u hutu f'dik il-kawza, illum avukat tal-konvenut. Tixhed izda (fol. 36 et seq u kontro-ezami fol. 53 et seq, fol 78 et seq, fol 111 et seq) kif ukoll korroborata mir-ragel taghha ( affidavit a fol. 32 u kontro-ezami a fol. 53 et seq) illi f'mument minnhom fis-sena 2011 ir-ragel taghha Mario Muscat kien infurmaha il kien hemm certu Joseph Grima (li xehed permezz ta' affidavit a fol. 34 ) li kien avvicinah u li talbu sabiex jiffirma xi karti sabiex jigi trasferit il-*log book* tal-trakk in kwistjoni. Sa dak iz-zmien skont Maria Muscat hija kien minghaliha li t-trakk kien misruq (ara fol. 61). Dan Joseph Grima isostni li lil Maria Muscat u r-ragel taghha ma qalilhomx ghand min kien it-trakk u huma rrifjutaw li jghinu sabiex isir it-'transfer'. Anzi jirrizulta mill-atti li f'mument minnhom Mario Muscat li huwa wkoll dilettanti tal-vetturi antiki nnota trakk Bedford ghall-bejgh fuq l-e-bay (ara fol. 28 et seq) u ssuspetta li dak it-trakk kien ta' missier il-mara tieghu. Ghamel ftit investigazzjoni anke permezz ta' telefonati u wasal ghall-konkluzjoni li kien effettivament it-

trakk ta' missier martu li kien gie restawrat u li kien tpogga ghall-bejgh fuq e-bay ghas-somma ta' disat elef sterlina (£9,000). Jirrizulta li kien f'dan il-mument li Agnese Grech bhala l-eredi u allura proprjetarja tat-trakk in kwistjoni ddecidiet li tiehu passi legali u anki ntalab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-awtoritajiet sabiex ma jsirx it-trasferiment tal-vettura izda dan giet rifjutat ghaliex dik il-Qorti sostniet li fi kwalunkwe kaz it-trasferiment ma setax isir minghajr il-kunsens tas-sid.

L-attrici taqbel li kien hemm mument fejn saru jafu li t-trakk kien fil-pussess tal-konvenut Carmel Xuereb izda li ma kienx hemm ftehim sabiex dan jigi ritornat lilha ghaliex Carmel Xuereb kien qed jitlob is-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) bhala valur tax-xoghol li huwa ghamel fuq it-trakk sabiex jirrilaxxah. L-attrici ma qablitx anki ghaliex it-trakk kien tpogga ghall-bejgh fuq l-*e-bay* ghas-somma ta' disat elef Sterlina (£9,000) li skont hi fiz-zmien li nkiteb l-affidavit f'Lulju, 2013 kienu jekwivalu ghas-somma ta' ghaxart elef u erba' mitt euro (€10,400) (ara fol. 24) b'dana li kien evidenti li ma kien qed jalloka l-ebda valur lit-trakk. Rizultat ta' hekk l-attrici fethet din il-kawza.

Illi fir-rigward ta' dak li gara mit-trakk wara li gie ordnat l-izgumbrament ta' Angelo Grech maghruf bhal Georgie mill-mahzen in kwistjoni lura fis-sena 2005 Dr. Mario Scerri jixhed (affidavit fol. 144 u kontro-ezami a fol. 253) li kien mar ghandu l-istess Angelo Grech u nfurmah li ma kellux aktar interess fil-mahzen u li l-klijenti tieghu setghu jiehdu l-pussess tieghu. Isostni li Angelo Grech infurmah li ma kien baqau l-ebda interess fl-affarijiet li kien hemm fih u li allura jinkludu t-trakk. Kif gia nghad stante l-mewt ta' Angelo Grech fis-sena 2008 huwa ma setax jitressaq sabiex jikkonferma hux minnu li sehh dan l-inkontru ma' Dr. Mario Scerri. L-istess Dr. Mario Scerri jsostni li huwa allura ma rax raguni ghalfejn kellu jipprocedi bil-mandat ta' zgumbrament ghan-nom tal-klijenti tieghu u pproceda sabiex jinfurmahom b'dan kollu.

Illi l-kijent ta' Dr. Scerri sid tal-mahzen xehed ukoll f'dawn il-proceduri izda fi kliemu fil-kontro-ezami (ara x-xhieda ta' Francis Schembri li jammetti li kien hu li kien jiehu hsieb kollox fol. 157 et seq) Dr. Scerri kien infurmah li Angelo Grech ma kelmu xejn u mhux li Angelo Grech ma kienx interessat f'dak li kien hemm fil-mahzen inkluz it-trakk. Dan jikkontradixxi dak li Francis Schembri stess qal fl-affidavit tieghu a fol. 86. Xhud iehor fl-atti Charles Attard (fol 142 u 198) jaghti versjoni ohra

ta' suppost qalilhom Dr. Mario Scerri fejn filli jghid li cempillu, filli jghid li mar ghandu fuq xi haga ohra. Din il-Qorti ma tqisx li gie ppruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li Angelo Grech tul hajtu kien irrinunzja ghall-proprjeta' tat-trakk in kwistjoni. Issibha wkoll difficli biex temmen li jekk vera Angelo Grech ghamel dikjarazzjoni li ma kienx interessat fit-trakk, allura Dr Mario Scerri bhala avukat ma talbux sabiex jiffirmalu dikjarazzjoni bil-miktub f'dan is-sens.

Illi rrizulta lil din il-Qorti li fl-istess zminijiet li kienu qed isiru l-arrangamenti sabiex il-mahzen in kwistjoni jigi assenjat lil oht Francis Schembri f'divizjoni ta' wirt u allura hi setghet tipprocedi biex tiehu l-pussess tieghu, Angelo Grech kien fl-esteru marid b'mod terminali. Huwa fil-mument li saret id-divizjoni jidhol fix-xena Charles Attard (neputi ta' Francis Schembri) stante li kienet ommu li hadet permezz tad-divizjoni l-mahzen in kwistjoni u halliet f'idejh. Charles Attard isostni li l-interess tieghu kien li jehles mill-imbarazz fil-mahzen in kwistjoni u jghid li l-konvenut kien jinqeda bih u kien ipproponielu li jiehu hu ghaliex kien jaf li dilettant ta' dawn l-affarijiet. Charles Attard jikkonferma li l-ftehim kien li Carmel Xuereb jiehu hsieb li johrog it-trakk a spejjez tieghu. F'partijiet mix-xhieda taghhom Francis Schembri u Charles Attard ukoll ma jaqblux bejniethom fejn isemmu li fil-mahzen kien hemm ukoll magna ta' dghajsa b'wiehed minnhom jghid li din insterqet u l-iehor jghid li kien hadha terz.

Da parti tieghu Carmel Xuereb li xehed permezz ta' affidavit a fol. 136 u kontro-ezami a fol. 223 jsostni li hu qabel li jiehu t-trakk u fil-fatt huwa mar fil-mahzen in kwistjoni, nefah it-tyres tat-trakk sabiex ikun jista' jigi ttowjat u hargu minn hemm. Dan kien fis-sena 2008. A fol. 141 tal-process jinsab esebit ritratt li juri l-istat tat-trakk in kwistjoni fil-mument li nhareg mill-mahzen u ttiehed fil-bitha ta' omm il-konvenut. Il-konvenut jghid li kien minghalih li t-trakk kien skreppjat izda mill-affidavit tieghu stess jirrizulta li sas-sena 2011 huwa ma ha l-ebda pass sabiex jivverifika jekk hux minnu li t-trakk kienx verament skreppjat jew le u li kieku ghamel hekk ix-xhud Joanie Spiteri ghan-nom tad-dipartiment tal-licenzji (fol. 45 u 148) tixhed li kien jirrizulta mill-ewwel li t-trakk mhux skreppjat izda li kien registrat fuq Angelo Grech. Il-konvenut iddecieda li ma jaghmel xejn nonostante li ma kellux il-*log book* f'idejh jew xi dokumentazzjoni ohra li tikkonfermalu dak li kien qed jahseb. Il-konvenut beda xoghol ta' restawr estensiv fuq dan it-trakk minghajr ma kkonferma li t-trakk kien verament bla sid u sahansitra

wara li skont hu kellmu n-neputi tal-attrici Paul Muscat u qallu li t-trakk kien ta' nannuh ma ghaddilux minn mohhu jivverifika jekk dan kienx ghadu jghajjat lil din il-persuna (ara affidavit a fol. 141). B'kontradizzjoni izda jsostni li huwa staqsa lil Paul Muscat jekk kellux il-*log book* tat-trakk. Paul Muscat li jigi iben Maria Muscat xehed ukoll f'dawn il-proceduri u cahad kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fil-kontro-ezami li qatt sehh dan l-inkontru ma' Carmel Xuereb (Affidavit a fol 48 u kontro-ezami a fol. 96 et seq) jew li huwa ra t-trakk ta' zijuh fil-bitha fejn kien qed jinzamm mill-konvenut. Min-naha l-ohra hu l-konvenut Salvu Xuereb li xehed permezz ta' affidavit a fol. 95 u kontro-ezami a fol. 74) jibqa' jinsisti li kien hu stess li ra lil Paul Muscat u sema parti mill-konversazzjoni bejnu u huh Carmel Xuereb fil-mument li talbu xi fliexken mit-trakk bhala rikordju ta' nannuh Angelo Grech. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tqis li l-agir ta' terzi ma ghandhomx jippregudikaw il-jeddijiet tas-sid fuq il-vettura.

Illi jirrizulta mill-atti li kien biss fis-sena 2011 li l-konvenut, wara li kien lesta xoghol estensiv ta' restawr fuq it-trakk, li ddecieda li jipprova jaqleb il-*log book* fuqu u jsostni li wara li ghamel tali applikazzjoni u anki ghamel affidavit **li safejn jaf hu t-trakk kien xtrah minn *scrap yard*** (fol. 57) li sar jaf li kien ghadu jsejjah lil Angelo Grech. F'xi mument jidher li l-konvenut inkariga lil Joseph Grima sabiex possibilment jikkonvinci lill-bint Angelo Grech tiffirma l-karti biex isir it-trasferiment, liema talba giet rifjutata minn Maria Muscat. Fl-istess zminijiet jidher li t-trakk tpogga ghall-bejgh fuq *e-bay* minn fejn jirrizulta li min tellghu fuq l-*e-bay* kien qed jammetti li jaf li s-sid mejjet u li ma jistax isir it-trasferiment. Ara d-dokument a fol. 28 et seq. **Ma tridx tkun wisq intelligenti biex wiehed jikkonkludi li la darba wiehed qed jiddikjara li s-sid huwa mejjet allura jaf min effettivament huwa jew kien is-sid**.

Dawn huma l-provi, in succint li wasslu ghall-kawza odjerna u l-Qorti taghmilha cara li hija hadet in konsiderazzjoni l-provi u x-xhieda kollha fl-atti kif ukoll dawk annessi u li fis-suespost ma ppruvatx taghmel sommarju ezawrjenti tax-xhieda kollha li tressqet.

Ai fini tal-kontro-talba jirrizulta li fl-atti l-konvenut ivverbalizza li huwa kien dispost li jirritorna lura t-trakk in kwistjoni izda baqa' jinsisti li jithallas tal-ispejjez li ghamel fuqu. Stante li hafna mix-xoghol ghamlu hu, l-konvenut isostni li ma ghandux rcevuti tax-xoghol u allura talab (ai fini tal-kontro-talba) li jigi nominat espert tekniku biex jivvaluta x-

xoghol li sar u ghalhekk gie nominat is-Sur Charles Zahra li rrelata a fol. 262 sa 283 tal-process kif isegwi:

*'L-esponenti jikkalkula illi l-ispiza s'issa minfuqa sabiex it-'truck' jitwassal f'dan l-istat huwa ta' €15508.36 (hmistax-il elf, hames mija u tmien ewro u sitta u tletin centezmu) inkluza t-taxxa tal-valur mizjud. .*

*Ghal dak li hu l-istat tat-'truck' illum, l-esponent jista' jikkonferma illi dan qieghed f'kundizjoni tajba hafna izda rrizultalu li l-magna ma nfethitx biex isir restawr fuqha. Ghad illi din ghada tahdem huwa ovvju illi dan ix-xoghol irid isir peress illi ddahhan f'livelli mhux accettabbli. Billi dan ir-restawr ghadu ma sarx, l-esponent qieghed jillimita l-istima tieghu ghat-tindif u zebgha taghha. . .*

*Wara ricerka fuq is-suq internazzjonali ghall-valur ta' vettura ta' din it-tip, partikolarment fl-Ingilterra fejn dan it-tip ta' 'truck' huwa prezenti fi kwantita' pjuttost limitata, l-esponent jiddikjara illi l-valur tieghu fl-istat li hu, ilahhaq bejn €10,000 u €12,000 illi huwa, kif spiss jigri nqas minn kemm gie minfuq fuqu.'*

Illi mill-eskussjoni tal-istess Perit Tekniku li saret a fol. 288, 292 u 299 johrogu l-punti segwenti:

1. Illi l-valur tat-trakk mhux restawrat huwa ta' madwar tlett elef Euro (€3,000);

2. Illi huwa ma setax jaghti l-valur tal-kaxxa tal-injam li kellu t-trakk fuq wara kif kienet bir-riklam tal-*Canada Dry* ma setax jaghti ghalkemm isostni li l-valur taghha aktar seta' kien wiehed sentimentali milli effettiv izda jsostni li sabiex issir kaxxa gdida tal-injam bhala din tiswa madwar tnax-il elf Euro (€12,000). (Ara fol. 308).

Fir-rigward tal-kaxxa l-antika, fl-atti l-konvenut Charles Xuereb isostni li din huwa partata ma' *pallet* ilma u li ghalhekk il-valur li huwa rcieva taghha kien ta' madwar sittin Euro (€60).

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi mill-atti din il-Qorti tqis li verament l-attrici traskurat ferm it-trakk in kwistjoni tant li kemm ir-ragel taghha kif ukoll hi wara mewtu hallietu konxjament fil-mahzen in kwistjoni jiddeterjora. Izda mill-atti l-Qorti

tqis li ma giex pruvat lilha sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi li l-attrici (jew ir-ragel taghha precedentement qabel miet) irrinzunja ghall-proprjeta' tat-trakk in kwistjoni. Tant hu hekk li dan baqa' dejjem isejjah lil Angelo Grech u wara lill-istess attrici. Il-fatt li l-attrici traskurat it-trakk fil-mahzen ma jfissirx izda li ghandu jitqies bhala *'res derelicta'* anki ghaliex is-sidien tal-mahzen kienu jafu ben tajjeb ta' min kien l-istress trakk u xejn ma zammhom milli almenu jkellmu l-attrici anki tramite bintha sabiex tnehhi t-trakk minn hemm u f'kaz li din ma kinitx interessata fih allura jitolbuha dikjarazzjoni bil-miktub f'dan is-sens.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut jinsisti li ma kienx jaf it-trakk ta' min kien ghalkemm kien trakk li mill-atti rrizulta car li wiehed biss kien hemm bhalu Ghawdex u li fi kliem uhud mix-xhieda kien ovvju ta' min kien ghaliex kulhadd kien jaf min kien iqassam il-*Canada Dry* f'Ghawdex. Tant hu hekk li l-familja tar-ragel tal-attrici cioe' r-ragel taghha u hutu kienu maghrufa bil-laqam tal-*Canada Dry.* Il-konvenut igib skuza bl-eta' tieghu u li ma jiftakarx it-trakk fit-triq. Dan jista' jkun minnu izda l-Qorti ma temminx il-versjoni tal-konvenut li hadd ma qallu ta' min kien it-trakk fil-mument li ddecieda li jiehdu u jaghmel xoghol estensiv ta' restawr fuqu. Din il-Qorti ssib ruhha f'diffikulta kbira li temmen ix-xhieda kollha tal-konvenut ghaliex mill-anqas f'zewg istanzi fl-atti huwa rrizula li gideb taht gurament wahda minnhom sfaccatament f'wicc din l-istess Qorti:

1. A fol. 57 tal-process jinsab esebit affidavit ta' Carmel Xuereb datat 4 ta' Gunju, 2012 fejn fih jiddikjara kif isegwi:

*'Fis-sena 2008 kont xtrajt truck tad-ditta Bedfrod minn go Scrap Yard. Meta xtrajtu ma kontx inghatajt Log-Book ta' dan it-truck.'*

Dan l-affidavit kien sar ai fini li jsir it-'transfer' tal-trakk fuq ismu.

Huma l-provi stess li ressaq il-konvenut fl-atti li jevidenzjaw li huwa gideb f'dak l-affidavit, ghalkemm kien bil-gurament, stante li mill-atti skond hu stess mhux vera xtara t-trakk izda ddubbah u li ma xtrah mill-ebda *scrap yard* izda hadu minn gewwa l-mahzen.

2. A fol. 249 tal-process l-istess konvenut jixhed bil-gurament quddiem din il-Qorti li kien qed jezebixxi ritratti tal-mahzen fl-istat li kien fih meta gabar it-truck. Mistoqsi ghalfejn kien ha r-ritratti fil-mument li

gabar it-truck jirrispondi li biex izomm rikordju. Mistoqsi allura ghalfejn f'dawn ir-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 249 et seq ma jidhirx it-trakk huwa jirrispondi ghaliex kien gia hargu u li r-ritratti li ha tat-trakk fil-mahzen kien hadhom bil-mobile u li l-mobile tilfu. Jghid ukoll illi r-ritratti tat-trakk fil-mahzen hadhom bil-mobajl u tal-mahzen vojt hadhom bil-camera. Dak il-hin il-konvenut gie rinfaccjat bl-argument li ma kienx jaghmel sens li ritratti tal-mahzen vojt ittiehdu minn camera u tat-trakk fil-mahzen ittiehdu bil-mobajl. Waqt ix-xhieda stess tieghu din il-Qorti ndunat li dak li kien qed jixhed il-konvenut ma kellux mill-verita' u a fol. 242 il-konvenut meta mistoqsi minn din il-Qorti jekk hux minnu li r-ritratti kienu ttiehdu recentement jammetti li gideb lill-Qorti u li r-ritratti ma kienu rikordju xejn izda kien hadhom ftit jiem qabel xehed.

Din il-Qorti rinfaccjata b'konvenut li jixhed daqshekk leggerment meta jkun jkun bil-gurament u jigdeb sfaccatament anki f'wiccha, tqis li ma tistax taghti wisq piz lix-xhieda tieghu fl-atti stante li ghandha dubji serji fejn kien qed jigdeb u fejn kien qed jghid il-verita! Din il-Qorti ghalhekk ma temminx il-versjoni tal-konvenut li meta huwa ddobba t-trakk u hadu mill-mahzen ma kienx jaf ta' min kien it-trakk in kwistjoni u ma temmnux meta jghid li kien minghalih li skreppjat.

**Mertu**

Illi maghmula l-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet suesposti din il-Qorti sabiex tevalwa t-talba attrici, l-kontro-talba u l-eccezzjonijiet rispettivi.

**It-talba attrici:**

It-talba attrici titlob li din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex:

*'Jigi ordnat illi jirritorna lura l-vettura tal-marka Bedford Perkins Truck bin-numru ta' registrazzjoni G-1570 u bil-log book numru 047698 illi huwa fil-pussess tieghu u li pero' huwa proprjeta' tar-rikorrenti u li fil-fatt ghadu rregistrat fuq isimha u dana stante li l-intimat ma ghandu ebda titolu fuq din l-istess vettura.'*

Ghal din it-talba l-konvenut isostni li meta gie fil-pussess tieghu t-trakk kien 'res derelicta' u li ma kien jappartjeni lil hadd. Ma jressaq l-ebda

eccezzjoni ulterjuri. Fil-mori tal-kawza huwa ma opponiex it-talba anzi vverbalizza li kien dispost li jirritorna t-trakk lill-attrici izda nsista ghall-ispejjez li ghamel fil-kontro-talba tieghu.

Illi mill-analizi li ghamlet il-Qorti kif suespost din il-Qorti ma emmnitx il-versjoni tal-konvenut li ma kienx jaf ta' min kien it-trakk in kwistjoni tant li sahansitra gideb quddiem l-awtoritajiet koncernati li huwa kien xtara t-trakk minn *scrap yard.* Il-Qorti tqis li l-verita' hi li l-konvenut kien jaf ben tajjeb ta' min kien it-trakk izda ha cans billi kien jaf li s-sid kien miet fl-esteru u ghalhekk hadu u prova jbieghu fl-esteru. Anki li kieku ma kienx jaf fil-mument li gabru, kellu kull opportunita' li jiccekkja jekk hux 'scrapped' billi jistaqsi lill-awtoritajiet izda dan m'ghamlux. Fl-atti rrizulta sufficjentement pruvat lil din il-Qorti li t-trakk llum huwa proprjeta' tal-attrici bhala eredi ta' Angelo Grech u ghalhekk ghandu jigi ritornat lilha.

Ghaldaqstant fir-rigward tat-talba attrici l-Qorti tqis li l-uniku eccezzjoni li ressaq il-konvenut ma gietx pruvata filwaqt li t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata u ghandha tigi milqugha.

**Kontro-talba:**

Illi fil-kontro-talba tieghu l-konvenut jitlob li din il-Qorti:

*'1. Tiddikjara li huwa dovut kumpens u/jew rimbors lill-konvenut tax-xoghol kollu li sar u tal-ispejjez li nkorra ruhu fihom biex giet restawrata din il-vettura;*

*2. Tillikwida dan il-kumpens u/jew rimbors anke jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominand ghal dan il-fini;*

*3. Tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenut dan il-kumpens u/jew rimbors hekk likwidat,u bl-imghaxijiet mid-data li fiha kienu tlestew ix-xoghlijiet ta' restawr sal-effettiv pagament.'*

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li effettivament il-konvenut ghamel hafna xoghol ta' restawr fuq it-trakk in kwistjoni liema xoghol gie vvalutat mill-espert tekniku fir-rapport tieghu (fol. 262) ghas-somma ta' 'l fuq minn hmistax-il elf Euro (€15,000). Fl-istess hin izda l-espert tekniku vvaluta l-valur fis-suq tat-trakk in kwistjoni bejn ghaxart elef (€10,000)

u tnax-il elf Euro (€12,000) cioe' anqas minn kemm sewa r-restawr. Il-konvenut ma jikkontestax ukoll li originarjament qabel il-kawza huwa kien talab is-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) u mhux aktar bhala ammontanti dawn l-ispejjez minghand l-attrici. Stante li l-konvenut ma kkontestax l-ammont mitlub minnu stess qabel il-kawza, il-Qorti tqis li huwa aktar verosimili li l-ispejjez li nkorra fuq it-trakk kienu vicin is-somma mitlub minnu stess cioe' dawk ta' tmint elef Euro (€8,000) u mhux dawk valutati mill-espert li bilfors kellu jirrelata fuq il-kundizzjoni tat-trakk kif kien lest irrestawrat. La darba din il-Qorti ser tordna li t-trakk in kwistjoni jigi ritornat lill-attrici jirrizulta li jekk din il-Qorti kella tilqa' l-kontro talba allura l-attrici tkun qer tiehu lura oggett li fis-suq jiswa bejn ghaxart elef (€10,000) u tnax-il elf Euro (€12,000) u mhux il-valur tar-restawr kif dikjarat mill-espert tekniku. L-espert tekniku kkonferma wkoll mal-Qorti fl-eskussjoni tieghu li t-trakk qabel ir-restawr kellu l-valur ta' tlett elef Euro (€3,000). Dan il-valur kien gia tal-attrici b'dana li certament ghandu jitnaqqas li kieku din il-Qorti tilqa' l-kontro-talba u tordna lill-attrici thallas lill-konvenut. Mill-atti rrizulta wkoll li l-konvenut iddispona, minghajr il-kunsens tal-attrici, mill-kaxxa tal-injam li kellu fuqu t-trakk in kwisjtoni liema kaxxa sabiex llum terga taghmilha tal-injam gdida kif xehed l-istess espert tekniku wiehed irid jonfoq madwar tnax-il elf Ewro (€12,000). Dan il-fattur ukoll ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti f'kaz li tilqa' l-kontro-talba u tordna xi rimbors a favur tal-konvenut.

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Il-Qorti izda ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tissorvola whud mill-eccezzjonijiet mqajjma mill-attrici rikonvenzjonata:

(i) Illi dwar l-eccezzjoni tal-intempestivita' din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata ghas-semplici fatt li fil-mument li hi pprezentat il-kawza kontra l-konvenut sabiex tinghata lura t-trakk in kwistjoni kien f'dak il-mument li allura gie radikat id-dritt fil-konvenut li almenu jintavola l-kontro-talba sabiex possibilment jithallas l-ispejjez li ghamel f'kaz li t-talba attrici tinqata favur taghha u mhux qabel. Qabel ma giet intavolata l-kawza ma kien hemm xejn li kien qed jhedded il-pussess li kellu l-konvenut tat-trakk. Il-Qorti ghalhekk ser tichad l-ewwel eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata;

(ii) Illi dwar l-eccezzjoni tal-kompetenza, jirrizulta li f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut, fl-ghar ipotezi din ser tkun zgur ghas-somma ta' disat elef Euro (€9,000) jew anqas (€12,000 valur massimu fis-suq tnaqqas il-valur qabel ir-restawr €3,000), ammont li huwa ferm fil-kompetenza ta' din il-Qorti anki qabel l-emendi, ghalhekk il-Qorti ser tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata;

**L-eccezzjoni tal-prekrizzjoni:**

Illi fl-eccezzjoni ulterjuri taghha l-attrici tqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan is-sub-artikolu japplika l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (18) ghal xogholijiet ta' mastrudaxxi ecc. L-attrici ssostni li x-xoghlijiet saru bejn is-sena 2008 sal- 2011 stante li l-konvenut stess jiddikjara li dawn tlestew fuq tliet snin. Il-kontro-talba giet ipprezentata nhar is-26 ta' Lulju, 2013 cioe' wara li kienu ghaddew it-tmintax-il xahar anki li kieku wiehed kellu jiehu l-bidu tat-trapass tal-preskrizzjoni sa minn Jannar 2012.

Il-konvenut ma jaqbilx mas-sottomissjonijiet tal-attrici stante li skont hu l-artikolu tal-ligi ndikat minnha mhux dak applikabbli ghall-kaz in ezami. Il-konvenut isostni li l-kawza tieghu ghandha l-bazi taghha fl-arrikkiment ingust tal-attrici fil-mument li jigi ritornat lilha t-trakk restawrat u mhux ghal xi servizz jew xoghol li hu ghamel fuq it-trakk. Il-Qorti tqis li l-argument tal-konvenut huwa wiehed validu. Il-konvenut ma ntavolax il-kontro-talba abbazi li l-attrici ordnatlu xi xoghol u ma hallsitux. Il-konvenut intavola l-kontro-talba tieghu fil-mument li qamet il-possibilita' li din il-Qorti tordna r-ritorn tat-trakk lill-attrici. Huwa ghalhekk minnu li l-bazi tal-kawza huwa l-allegat arrikkiment ingust tal-attrici la darba t-trakk jigi ordnat li jigi ritornat fl-istat irrestawrat li hu llum u mhux fl-istat kif hallietu l-attrici. Jekk hemm xi preskrizzjoni li setghet tghaddi kontra l-konvenut din tibda tiddekorri mill-mument li l-Qorti tordna r-ritorn tat-trakk b'dana li l-attrici taghmel ukoll gwadann mill-istat irrestawrat tat-trakk u mhux qabel u ghaldaqstant l-artikolu kkwotat mill-attrici ma' japplikax ghall-kaz odjern u fi kwalunwke kaz ghadu lanqas biss beda jiddekorri xi perjodu ta' preskrizzjoni la darba t-trakk ghadu mhux ritornat.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni utlerjuri tal-attrici rikonvenzjonata tal-preskrizzjoni.

**Mertu tal-kontro-talba:**

Illi in vista ta' dak kollu suesposti u in vista tal-atti l-Qorti tqis li hija gjusta l-eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata li l-konvenut Xuereb ghamel l-ispejjez fuq il-vettura ghax ried hu bil-konsapevolezza tal-fatt illi qed jaghmel dawn ix-xogholijiet fuq proprjeta' li ma tappartjenix lilu. In oltre l-Qorti wkoll in vista tal-konsiderazzjonijiet taghha suesposti tqis li hija gjusta l-eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata li l-konvenut kien jaf min kien is-sid tat-trakk in kwistjoni anzi l-Qorti zzid li anki li kieku ma kienx jaf facilment seta' ccekkja mal-awtoritajiet u jivverifika jekk hux veru skreppjat izda dan ma ghamlux. Dan xejn ma jnaqqas izda mill-konkluzjoni ta' din il-Qorti li ma temminx li l-konvenut ma kienx jaf ta' min kien it-trakk u li certament kien jaf ben tajjeb li mhux veru kien skreppjat tant li gideb li sahansitra xtrah minn *scrapyard.* Dwar li l-vettura ma kinitx *res derelicat* din il-Qorti gia ddecidiet dan il-punt aktar il-fuq fil-mument li ddikjarat li l-eccezzjoni tal-konvenut ghat-talba attrici mihiex gjustifikata u ghalhekk hija wkoll gjustifikata.

Illi izda din l-Qorti ma tqisx li l-fatt li dawn it-tliet eccezzjonijiet tal-attrici huma gjustifikazzjoni bizzejjed sabiex din l-istess Qorti taqbad u tiskarta t-talba tal-konvenut sabiex jithallas kumpens tal-arikkiment li certament ser taghmel l-attrici fil-mument li t-trakk jigi ritornat lilha.

Illi dwar l-arrikkiment indebitu l-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu jissottometti kif isegwi:

*'L-Artikolu 1028A fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk : "(1) Min, mingħajr kawża ġusta, jarrikkixxi ruħu għad dannu ta` ħaddieħor għandu fil-limiti tal-arrikkiment iħallas lura u jikkumpensa għal kull tnaqqis patrimonjali li setgħet sofriet dik il-persuna."*

*Il-gurisprudenza taghna issejjes l-azzjoni de in rem verso fuq tliet (3) kriterji, u cioe':-*
*"(i) li l-haga li tkun versata, jew li tkun ghaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirrizulta ta' vantagg u utilita` ghalih ("l'arrichimento").*
*"(ii) li jkun hemm in-ness ta' kawzalita` bejn il-hidma tal-attur u l-vantagg arrekit mill-konvenut ("il vincolo di causalita`").*
*"(iii) li min ikun ircieva l-hidma tal-attur ikun sar aktar sinjur b'dak li jghaddi ghandu u dana minghajr ebda titolu (element li l-gurista Baudry Lacantinerie, "Delle Obbligazioni" - Vol. IV pag. 550, jiddiskrivi bhala "il carrattere ingiusto dell'arrichimento").*

*Dawn l-elementi jinsabu elenkati u analizzati fil-kawza :* ***Said vs Testaferrata Bonnici*** *(16 ta' Gunju 1936) u citati fis-sentenza fl-ismijiet :* ***George Sladden vs Albert Mais et*** *(Prim'Awla, 27 ta' Jannar 2005). Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet :* ***Blye***

***Engineering Co. Ltd vs Victor Balzan et*** *(Appell Inferjuri, 23 ta' Gunju 2004) fejn gie senjalat li l-gurisprudenza f'dan ir-rigward hi wahda konkordi u pacifika :-*

1. *"L-azzjoni de in rem verso hija esperibbli biss meta mhiex esperibbli l-azzjoni ex contractu; u ghalhekk meta l-attur ghandu l-azzjoni ex contractu kontra d-debitur, huwa ma jistax jagixxi kontra haddiehor bl-azzjoni de in rem verso –* ***Kollez. Vol. XXXIV.iii.784****)".*
2. *"Kwantu ghall-pretensjoni tal-appellant, fis-sens li huwa ghandu dritt ghall-hlas tas-somma reklamata bl-actio de in rem verso, jinghad li din l-azzjoni hi rimedju sussidjarju estiz ghall-kazijiet meta tkun avverat ruhha lokupletazzjoni effettiva ghad-dannu ta' haddiehor, u ssib il-fondamentament taghha fil-principju jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem (L206 fr.de regulis juris). Dan ir-rimedju gie koncess fil-kazijiet fejn ma hiex esperibbli l-azzjoni ex contractu."-* ***Kollez. Vol. XLI.i.631****".*
3. *"Minn dan li ntqal fuq jitnissel illi din l-azzjoni, ntrodotta mill-ekwita` tal-pretur ruman, giet estiza ghal kwalunkwe vantagg li persuna tirritraji mill-fatt ta' haddiehor, minghajr titolu guridiku, jew b'titolu difettuz, jew null" –* ***Kollez. Vol. XXXIX pII p764****).*
4. *"Ghalhekk, ad exemplum, 'meta obbligazzjoni tigi annullata minhabba inkapacita` ta' wiehed mill-kontraenti, ma taghtix lill-kontraent l-iehor ebda dritt ghar-restituzzjoni ta' dak li jkun gie moghti, jew ta' dak li jkun gie imhallas in forza ta' din l-obbligazzjoni, imma di regola hija soggetta ghall-eccezzjoni fil-kaz li jigi pruvat li l-haga moghtija jew imhallsa tkun avvantaggjat lil min kontra tieghu ssir l-azzjoni. Minn dan jitnissel li l-obbligazzjoni trid tkun giet kuntratta ma' inkapaci, li l-istess ghalhekk tkun giet annullata, u l-pagament ikun gie realment maghmul in forza ta' l-obbligazzjoni annullata." –* ***Kollez. Vol. XLI.ii.816.***

*Illi minn dan isegwi li huwa assodat fil-gurisprudenza nostrali li mhux lecitu li wiehed jaghmel profitt a skapitu ta' haddiehor. Koncettwalment, il-profitt huwa dak li ghandu dritt ghalih il-persuna li tkun ghamlet din it-tip ta' kawza u f'dan il-kuntest il-persuna li tkun inkorriet tali ndebitu hija ntitolata li tircievi kumpens gust, li ghandu allura jkun simili jew jekwivali ghall-valur tal-benefikati jew miljoramenti li saru. Fil-fatt fis-sentenza :* ***Emanuel Bartolo vs Victor Micallef*** *(Prim'Awla, 28 ta' Ottubru 2004) inghad li : "Ghalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjez minfuqa mit-terz, u ghandha l-mira li terga' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata.".*

*Illi fuq l-insenjament tal-gurisprudenza imsemmija hawn fuq l-esponenti jissottometti li l-attrici mhi bl-ebda mod gustifikata li tiehu t-trakk lura irrestawrat bla ma taghmel tajjeb tax-xoghol u tal-ispejjez li nkorra ruhhu fihom biex l-esponenti gab it-trakk fl-istat li jinsab illum. Altrimenti x-xoghol esegwit mill-esponenti u l-ispejjez li huwa nefaq fuq dan ir-restawr tat-trakk ikun mhux biss ta' utilita` ghall-attrici kemm-il darba jkollha tintlaqa' t-talba taghha u tiehdu lura izda wkoll li dan il-vantagg tiehdu minghajr ebda hlas ta' kumpens lill-esponenti (ara P.A.,* ***George Sladden vs Albert Mais et****, deciza fis-27 ta' Jannar 2005) u dan isegwi*

*wkoll il-principju omnia labor optat premium (ara P.A.,* ***Mercieca vs Laferla****, deciza fil-21 ta' Jannar 1994).*

*Illi jidher li l-Qrati taghna laqghu l-applikazzjoni tal-kriterju li l-kumpens ghandu jkun il-konkorrenza tal-vantagg miksub mix-xoghlijiet maghmulin u mhux biss ghall-ispiza minfuqa biex twettqu dawk ix-xoghlijiet. Dan l-ahhar il-Qrati taghna jidher li wessghu il-medda tal-applikazzjoni tal-kumpens biex ikun maghmul jiddependi wkoll minn fatti sopravvenuti li kapaci jawmentaw, jew inaqqsu, l-arrikkiment. Rilevanti bhala elementi ta' konsiderazzjoni ghall-valutazzjoni aktar konsona u gusta jitqiesu l-buona jew mala fede tal-persuna vantaggjata u arrikkita (P.A.,* ***Albert Mallia vs Albert Camilleri et****, deciza fl-10 ta' Marzu 2011 li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tal-1 ta' Dicembru 2014).*

*Illi l-esponenti meta irrestawra t-trakk ma agixxiex in mala fede. L-esponenti huwa tal-umili fehma li l-vantagg li tnissel bix-xoghlijiet maghmula jew mill-ispejjez imhallsa ghadu jezisti u l-attrici kemm-il darba jkollha tigi awtorizzata tiehu lura t-trakk minghandu sa tgawdi mill-benifikati jew miljoramenti maghmula mill-esponenti fuq dan it-trakk.*
*Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi u mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku li I-esponenti ghamel hafna xoghol fuq dan it-trakk u nefaq flus minn butu li minnhom sa tibbenefika biss l-attrici kemm-il darba jkollha tiehu t-trakk lura ghax xorta wahda t-trakk ma jistax jigi registrat fuqu.*

*Il-kontro-talba tal-esponenti timmerita ghaldaqstant li tigi milqugha.'*

Illi sabiex tirribatti ghal din it-talba l-attrici fis-sottomissjonijiet taghha taghmel referenza ghall-artikoli 544 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta taht is-sub-artikoli bit-titoli 'Fuq il-Jeddijiet u obbligi bejn il-pussesser u s-sid' u ' Fuq l-obbligi tal-pussessur dwar ir-radd tal-haga' b'mod partikolari ghaz-zewg artikoli li jsegwu:

- ***546.*** *Dak li jkun ha l-pussess tal-haga b'serq jew b'reat iehor, li ma jkunx semplici kontravvenzjoni, m'ghandu jedd ghal ebda indenizz ghal ebda xorta ta' spejjez, lanqas li jnehhi l-miljoramenti li jkun ghamel fil-haga; u jista' jigi mis-sid imgieghel inehhi, bi spejjez tieghu, u minghajr ebda jedd ta' indenizz, dawk l-oggetti li jistghu jitnehhew, kif ukoll jista' jigi mgiegel ihallas il-hsara li s-sid ikun bata.*
***556.*** *(1) Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat, dejjem, irodd il-hwejjeg kollha li jkun okkupa ingustament,*
*(2) Kemm-il darba dan il-pussessur ma jkunx baqa', minrajh jew bi htija tieghu, jippossjedi xi wahda minn dawk il-hwejjeg, hu obbligat irodd lill-attur il-profitt li jkun ghamel minnha, jew, kif jaghzel l-attur, ihallas lil dan, il-valur tal-haga fiz-zmien li ma jkunx baqa' jippossjediha jew il-valur taghha fiz-zmien tat-talba, skont liema jkun l-akbar, ghad illi, f'dan il-kaz, hu ma jkun ha ebda profitt minnha.'*

Illi jirrizulta ghalhekk li s-success tal-kontro-talba tal-konvenut tiddependi fuq il-kwezit jekk hu kien qed jippossjedi t-trakk in kwistjoni *in buona fede*. Il-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu jsostni li hu kien *in buona fede* u ghalhekk ma japplikawx l-artikoli ndikati mill-attrici. Din il-

Qorti izda gia ddikjarat f'din id-decizjoni li temminx il-versjoni tal-konvenut anki ghaliex inqabad diversi drabi jigdeb sfaccatament anki fil-Qorti u tqis li l-verita' hi li l-konvenut kien jaf ben tajjeb li t-trakk kien proprjeta' ta' hadd iehor, li ghamel minn kollox sabiex jahbi l-fatt li t-trakk kien qieghed ghandu tant li lanqas kixef ismu fil-mument li bghat terzi sabiex possibilment bint l-attrici tiffirmalu ghat-'transfer' u li allura kwalunkwe spejjez li huwa ghamel fuq it-trakk kienu unikament riskju tieghu u ta' hadd aktar.

Il-Qorti tqis li l-konvenut kien *in mala fede* fil-hin kollu li kien fil-pussess tat-trakk in kwistjoni b'dan li allura ma ghandu l-ebda jedd li jitlob kumpens ghal kwalunkwe zieda fil-valur fit-trakk in kwistjoni liema xogholijiet huwa ghamel b'riskju tieghu u hadd aktar. Li kieku din il-Qorti tiddeciedi mod iehor ikun ifisser li qed taghti l-barka taghha jew ahjar tal-ligi sabiex persuni **jabbuzaw** forsi minn traskuragni ta' xi nies billi jiehdu fil-pussess taghhom oggetti li jafu li mhux taghhom u wara li jaghmlu xoghlijiet fuqhom jippretendu li jithallsu taghhom minghand is-sidien li qatt ma jkunu taw il-kunsens taghhom ghal tali xoghlijiet. **Sitwazzjoni bhal din li kieku kellha tigi accettata taghti lok ghall-anomalija legali li min jabbuza allura mhux talli ma jbaghti l-ebda konsegwenzi anzi jinghata rimedju ghal hlas tal-ispejjez li jkun ghamel, kwazi kwazi jkun qed jigi kumpensat talli abbuza!** Zgur li tali sitwazzjoni ma tistax tigi sanzjonata fil-ligi u allura min din il-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk, anki abbazi tal-artikoli tal-ligi ndikati mill-attrici fis-sottomissjonijiet taghha li l-Qorti tqis bhala parti ntegrali tat-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni taghha ghall-kontro-talba, tqis li l-kontro-talba tal-konvenut mihijiex legalment gjustifikata u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut ghat-talba tilqa' t-talba attrici u tordna lill-konvenut Carmel Xuereb jirritorna lura l-vettura tal-marka Bedford Perkins Truck bin-numru ta' registrazzjoni G-1570 u bil-log book numru 047698 lill-attrici;

2. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-attrici rikonvenzjonata fil-konfront tal-kontro-talba;

3. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonjiet tal-attrici rikonvenzjonata fil-konfront tal-kontro-talba tal-konvenut, tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u tghaddi sabiex tichad il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant bhala nfondata primarjament fil-ligi u anke fattwalment stante li jirrizulta lil din il-Qorti li l-konvenut agixxa *in mala fede* u ghaldaqstant ma ghandu l-ebda jedd ghar-rimbors ghall-ispejjez li ghamel.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-avviz, kif ukoll tal-kontro-talba kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur